MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2005

Numru 318/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maria Stella Cutajar)**

**vs**

**OWEN ZAMMIT**

**Illum 23 ta’ Mejju, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Owen Zammit, ta’ 29 sena, bin Fedele u Mary Rosaria nee’ Zammit, imwieled Pieta’, data tat-twelid 20/09/1975 u joqghod Marfid House, Triq id-Drama, Qormi, detentur tal-karta ta’ l-identita’: 460775(M) gie akkuzat;

1) talli nhar it-3 ta’ April, 2005 f’Hal Qormi ghall-habta ta’ 8:10 P.M. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, cioe’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni POL-076 ghamla Volkswagon Polo ghad-detriment ta’ Gordon Cassar liema hsara tammonta ghall-valur ta’ aktar minn LM1000;

2) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti, jew ghamel gesti oxxeni jew b’xi mod iehor li mhux provdut f’dan il-Kodici, offenda il-morali u l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

3) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi minghajr ma darrab jew sawwat, hedded b’gebel jew hwejjeg ohra iebsin jew waddab jew qabbad armi ohra kontra l-imsemmi Gordon Cassar u persuni ohrajn kif ukoll persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku;

4) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna fuq imsemmija, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza’ jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi l-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz skond l-art 95 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali;

5) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi qal kliem insulenti li jikkonsisti f’dagha;

6) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f’kaz ta’ kundanna tapplika l-provedimenti li hemm fl-art. 338 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MS3 u nnutat li l-imputat m’ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Maria Stella Cutajar u Dr Mark Attard Montaldo ghall-parte civile iddikjaraw li kif jirrizulta minn Dok MS4 ippresentat illum mill-istess Ufficjal Prosekutur, id-danni sofferti mill-parte civile Gordon Cassar huma ta’ Lm1934.09c.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum Dr Robert Abela ghall-imputat accetta din is-somma ta’ Lm1934.09c bhala d-danni sofferti mill-parte civile Gordon Cassar mill-imputat f’dan l-incident u ddikjara wkoll li l-imputat qed jobbliga ruhu li jhallas dawn id-danni sofferti fi zmien tmintax (18) il-xahar millum b’pagamenti mensili.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum Dr Mark Attard Montaldo ghall-parte civile iddikjara li qed jaccetta din il-modalita’ ta’ hlas.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 325(1)(a), 338(bb), 339(1)(b), 95, 342 u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Owen Zammit, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Maria Stella Cutajar u Dr

Mark Attard Montaldo ghall-parte civile iddikjaraw li kif jirrizulta minn Dok MS4 ippresentat illum mill-istess Ufficjal Prosekutur, id-danni sofferti mill-parte civile Gordon Cassar huma ta' Lm1934.09c, il-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum Dr Robert Abela ghall-imputat accetta din is-somma ta' Lm1934.09c bhala d-danni sofferti mill-parte civile Gordon Cassar mill-imputat f'dan l-incident u iddikjara wkoll li l-imputat qed jobbliga ruhu li jhallas dawn id-danni sofferti fi zmien tmintax (18) il-xahar millum b'pagamenti mensili u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum Dr Mark Attard Montaldo ghall-parte civile iddikjara li qed jaccetta din il-modalita' ta' hlas u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Owen Zammit ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' tliet (3) snin millum l-imputat Owen Zammit jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Owen Zammit b'obbligazzjoni personali ta' Lm100 li bl-ebda mod ma' jimmolesta lil Gordon Cassar u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Owen Zammit l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------